Oasi ta' serħ b'tifkira ta' brimba u xebba Mostija...

# Il-Knisja tal-Madonna ta' l-Isperanza

Il-Knisja għażiża tal-Madonna ta' l-Isperanza qiegħda fuq wied li ismu ddakkar mill-ħlewwa ta' din il-ġawhra. Ma' ġenbha hemm arkata tal-ġebel li minn fuqha jgħaddi pont, mibni fl-1905. Taħtu u biswitu jikbru qatigħ il-qasab u s-siġar tat-tin.

Waqt li l-ftit għelieqi mtarrġa li fadal, ifakkruna meta darba waħda r-raħħal kien jieħu n-ngħaġ u l-mogħoż tiegħu biex jirgħu. Dari, l-ilma ġieri li kie jiġi mill-Wied tal-Qlejgħa kien jasal sewwa sew sal-Wied ta' l-Isperanza. Dawn l-inħawi għenu biex il-Mosta tkun iżjed nisranija. Fiċ-ċens ta' Sqaq tat-Tuta, tefa' ta' ġebla bogħod minfejn maż-żmien inbniet din il-Knisja, tqattgħu hemm lejn ir-raba' seklu oqbra li huma ta' familja nsara. Fuq kollox, hawnhekk tinsab imfanda l-fidi ta' missirijietna li hi xhieda kif l-imħabba li kellhom lejn Alla u l-fiduċja fil-Verġni Marija, kienet tinħass f'kull waqt ta' ħajjiethom, minkejja l-faqar u diffikultajiet oħra li tant drabi, fl-imgħoddi, ġensna ħassu magħfus bih.

L-ambjent pittoresk ta' madwar il-maqdes, illum m'għadux kif kien fl-imgħoddi. Ħafna karatteristiċi ntilfu minħabba l-iżvilupp ta' l-art li sar fl-inħawi. Sa qrib is-snin sittin tas-seklu l-ieħor, malli wieħed kien jasal f'tarf Triq it-Tama u jiżgiċċa l-aħħar djar, kien jilmaħ b'mod solitarju l-Knisja ta' l-Isperanza tiddomina fuq ġmiel in-natura. Mhux ta' b'xejn li dan il-wied welled kult imqanqal li sab post ta' ġieħ fil-leġġenda, fil-poeżija u fl-għana Malti. Kult li jfakkarna fuq kollox fil-qima qawwija li kellhom missirijietna lejn dan il-post devot imħares mit-tjieba u l-imħabba tas-Sultana tal-Paċi fejn in-nies minn diversi bliet u rħula Maltin, kienu jiġi hawn ħalli jagħmlu l-wiegħdi lill-Madonna tat-Tama.



*L-għar tal-leġġenda bin-niċċa ta' San Mikiel fuqu u l-Knisja ta' l-Isperanza fl-isfond tal-ftit għelieqi li fadal biswitha.*




## L-GĦAR

Ġrajjiet il-Knisja ta' l-Isperanza li hi l-isbaħ u l-egħżeż fost il-Kappelli Mostin, jibdew proprju mill-għar li jinsab taħt dan il-maqdes kważi f'qiegħ il-wied fit-tarf tal-punent tal-Mosta. Qabel wieħed jibda nieżel it-taraġ, minn taħt iz-zuntier tal-knisja, għandu jilmaħ niċċa grazzjuża li fiha tinsab għall-irdoss, statwa ta' San Mikiel Arkanġlu. L-għar tal-leġġenda, jinsab imbarrat b'rixtellu tal-ħadid, fejn minn bejn il-vireg ta' l-azzar, wieħed jista' jara bosta qsari sbieħ tal-felċi u galletti fost oħrajn u kifm ukoll żewġ statwi ta' l-Evanġelisti San Luqa u San Ġwann li huma l-abbozzi ta' dawk li jinsabu fir-Rotunda. Barra minn hekk, f'dan l-għar hemm statwa qadima tal-Madonna tal-Bambin li hi miżmuma b'qima kbira. Fuq il-lemin nilmħu statwa ta' tfajla raħlija għarkubbtejha li l-iskop ewlieni tagħha hu li tfakkarna fit-tfajla tal-leġġenda. X'aktarx li dan kien l-istess għar li l-istoriku Ciantar qal li kien tal-Visitazzjoni tal-Madonna u li l-Monsinjur Pietro Dusina semma' li kien ġie kkonsagrat minn seba' Isfqijiet. Tajjeb li ngħidu li meta saret il-vista appostolika ta' Mons. Dusina fl-1575, fejn kienet saret żjara lil dan il-post, dan l-għar kien diġa' meqjus bħala lok ta' qima Marjana. Dan l-għar hu wisq marbut u maħbub fil-qlub tal-Mostin. It-tfal ta' l-iskejjel ta' din il-lokalità, jittieħdu sa hawn mill-għalliema tagħhom biex f'din il-passiġġata kulturali, jinħakmu huma wkoll mill-wirt għani li ħallewna ta' qabilna. Waqt li l-emigrant emozzjonat, jasal wasla s'hawn, fejn jiftakar kif fi tfuliti dawn l-inhawi kienu l-ġenna ta' l-art tiegħu u fl-istess hin iġarrab fis-skiet kif 'il bogħod minn art twelidu jibqa' marbut xi ftit jew wisq ma' fejn trabba. Hi drawwa sabiħa li hekk kif wieħed ikun għaddej minn biswit l-għar, jieqaf għall-mument biex jgħid l-Ave Marija jew itenni s-Salve Reġina.

## IL-LEĠĠENDA

Tradizzjoni qadima tgħid li l-Knisja ta' l-Isperanza kienet inbniet b'wegħda ta' waħda xebba Mostija li bl-interċessjoni tal-Verġni Marija ħelset milli tisfa' vittma jew taqa' lsiera f'idejn il-qilla tal-Kursari. Dawn il-ħallelin Barbareski baqgħu jiġru warajha, sakemm ix-xebba sabet il-wens ta' l-għar umduż, li mit-toqob



*Il-ġewwieni ta' l-għar fejn tidher ix-xebba Mostija titlob quddiem l-istatwa qadima tal-Madonna bil-Bambin, imwensa mill-Evanġelisti Luqa u Ġwanni.*

tal-blat tiegħu, spuntaw għadd numeruż ta' tursin il-bir. Hemm ġew saret il-wegħda lill-Madonna li tibni kappella jekk tiġi meħlusa mill-kefrija tal-jasar. Hu mifhum li f'dan l-għar, il-Madonna għamlet xejn inqas minn miraklu magħha, billi fil-bokka ta' fejn staħbiet, brimba b'ħeffa tremenda nisġet għanqbuta li ksiet id-daħla kollha. Hekk dawk il-kursari li kienu jiġru warajha, qatt ma basru li dik ix-xebba setgħet inħbiet hemm ġew, peress li għanqbuta kienet għadha tidher intatta. U b'hekk, bis-saħħa ta' l-għanqbuta u bl-interċessjoni tal-Madonna tat-Tama, ħelsitha u ħarġet minn hemm ġew qawwija u sħiħa bit-tir li ma' l-ewwel opportunità tibni kappella biex tibqa' tfakkar għal dejjem din il-ġrajja.

## TISPIKKA

Il-kelma leġġenda ma tfissirx qlajja' jew ħrafa. Għalhekk, leġġenda hija storja li għalkemm qatt ma nstab li kienet dokumentata, setgħet fil-fatt seħħet ta' bil-ħaqq u li tkun tant għal qalb il-poplu, li tgħaddi minn ġenerazzjoni oħra. Il-leġġenda tkun qasira, bi ftit kliem li jfissru s-suġġett. Jista' jagħti l-każ li xi punti jew dettalji żgħar, ivarjaw skond kif jiġu rrakontati, imma l-qafas tat-tema jibqa' dejjem l-istess. Fost il-leġġendi tal-gżejjer tagħna, niltaqgħu ma' dawk li jirrakkontaw xi ġrajja dwar xi niċċa, kappella, għajn ta' l-ilma, għar, ġebla kbira, dehra ta' qaddis jew xi fatt jew persuna mill-istorja ta' ġensna. Bla dubju ta' xejn, tispikka l-leġġenda famuża tal-Wied ta' l-Isperanza, fejn ix-xjuħ jgħidu li kienu jisimgħu ta' qabilhom jirrakkontaw elf darba dik l-istorja folkloristika li ssaħħar saħansitra l-barranin.

## SFOND STORIKU

Ikun tajjeb li nistħarrġu fil-qosor xi punti li jagħtu ħjiel għal xi kummenti dwar in-nisġa ta' l-istorja ta' dak il-perjodu taż-żmien. X'aktarx li l-leġġenda teħodna xi ftit qabel l-1760, is-sena li fiha bdiet tinbena l-kappella. Fis-seklu, tmintax, l-istat tad-difiżi tal-gżejjer kienu miftuħa beraħ għall-furbani. Kull persuna li kienet tinħataf mill-kursari kienet tittieħed għall-għasar fl-Afrika ta' Fuq. Il-GranMastru de Redin (1657 – 1660) ra l-ħtieġa li jsaħħaħ id-difiża tax-xtut billi jibni katina ta' torrijiet mal-kosta fuq in-naħa bejn il-Belt Valletta, tas-Sliema, Bahar iċ-Ċagħaq, San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa u Ghajn Tuffieħa. Meta kien jintlemaħ l-għadu fuq ix-xefaq minn fuq xi torri partikulari, kienet titqabbad ħuġġieġa bħala sinjal li kienet tirrepeti ruħha minn torri għall-ieħor. B'hekk il-kavallerija kienet tkun f'pożizzjoni vantaġġjuża li tilħaq il-pirati qabel ma dawn il-ħallelin iwettqu l-ħerba fil-kampanju u l-irħula. Skond tagħrif storiku din il-knisja ilha mibnija ma' l-248 sena.

## DONAZZJONIJIET

Issa nħallu l-għar u l-leġġenda li hemm imxebilka miegħu bħall-għanqbud, u mmorru ħalli nagħtu titwila lejn il-knisja ċkejkna li hemm mibnija fuqu. Il-bini tagħha sar permezz ta' ġbir ta' donazzjonijiet ta' flus, miġbura mingħand il-Mostin imma hu magħruf li fit-toroq tal-Belt inġabru xi għotjiet fil-kaxxetti li saru għal dan il-għan. Dan il-ġbir beda mid-19 ta' Settembru 1757 u tkompla għal ħames snin sħaħ. Dan il-ġbir



*Il-faċċata tiġbed l-għajn, imfasslha fuq disinn dekorattiv u imżejna bi tliet niċeċ, żewġ armi, żewġ twieqi, kampnar, fontispizzju u koppla b'dehra ħamranija.*

juri li l-poplu fqajjar ta' dak iż-żmien, kellu devozzjoni qawwija u soda kemm għall-post innifsu u kif ukoll għall-imħabba li kellhom lejn il-Madonna, x'aktarx imqanqlin mill-ġrajja tax-xebba Mostija. Il-ħaddiema kollha tħallsu mid-donazzjonijiet tan-nies u għal din il-biċċa xogħol kien responsabbli Ġammari Galea li kien il-prokuratur tal-bini tal-knisja f'ġieh il-Madonna tat-Tama.

## IL-FAĊĊATA

Kif wegħdet, il-ħajr tax-xebba Mostija, f'qasir żmien biddlitu f'ġawrha arkitettorika f'ġieh il-Madonna ta' l-Isperazna. Aktar tard, iz-zuntier ġie mkabbar fl-1896 waqt li fl-1919 inbniet il-lanterna ta' fuq il-koppla. Il-faċċata tiġbed l-ġġajn, mfassla fuq disinn dekorattiv li hi mżejna bil-pilastri waqt li naraw ukoll tliet niċeċ. F'tan-nofts u ftit aktar għolja mit-tnejn ta' bixirtha naraw xbieha tal-Madonna, filwaqt li l-istatwi ta' San Ġużepp u ta' Sant Antnin jinsabu jakkumpanjawha. Fuq dawn iż-żewġ niċeċ tal-qaddisin, nilmħu żewġ armi li huma, waħda bl-isem ta' Marija u l-oħra ta' Fra Bartolomeo Rull, l-Isqof ta' Malta li fi żmienu nbniet din il-knisja. Fuq kull naħa tal-bieb ewlieni, tinsab tieqa bi stil dekorattiv fejn l-iskop kien li meta l-knisja tkun magħluqa, b'mod faċli wieħed ikun jistà jittawwal u jtenni xi talba biex isellem lill-Verġni Marija, waqt li jixħet sold fl-art għax-xama', kif kienet l-użanza. Barra minn dan kollu, fil-faċċata nilmħu xi ħaġa oriġinali u mhux daqstant komuni. Dan hu l-bieb li jaġġti ġġas-sagristija li jinsab f'linja dritta mal-bieb ewlieni tal-knisja. Kemm hu hekk, fil-għoli fuq il-bieb tas-sagristija nilmħu l-kampnar, waqt li fl-istess livell naraw il-frontispizju fuq il-bieb prinċipali. Bla dubju ta' xejn, id-dehra ħamranija tal-koppla tisserdak bi ġmielha minn wara l-frontispizju, toffri kwadrett mill-aktar pittoresk, l-aktar fi sfond ta' sema kaħlani mzewwaq b'xi ħajbura bajda 'l hawn u 'hemm. Fuq kollox, din l-opra ta' l-arkitettura, tlestiet fi ħdax –il xhar biss!

## ĠEWWA

Fil-ħsieb tagħna, se nbexxqu l-bieb u flimkien ngħaddu sa ġewwa. Faċċata tagħna, tolqotna l-prospettiva mill-isbaħ imżejna u ddekorata bi skultura tassew elaborata. Fost il-bosta weraq, mazzettuni u disinji oħra, tiddomina fil-parti ċentrali tagħha x-xbieha ta' l-Ispirtu s-Santu mdawwar b'għadd ta' anġli. Ix-xogħol li fiha u d-disinn eleganti tagħha, isawru prospettiva tabilħaqq artistika ta' preġju kbir. Daqstant ieħor, jiġbed l-għajn il-kwadru ċentrali mpitter mill-pittur Malti Rocco Buhagiar fejn tiddomina fih, il-Madonna ta' l-Isperanza. Iż-żewġ kwadri tal-ġnub li jippreżentaw lil San Pietru u lil San Pawl, huma xogħol l-istess artisti.



*Dettal mill-prospettiva eleganti ta' fuq l-artal, fejn jiddomina l-kwadru ewlieni ta' Rocco Buhagiar.*

Mal-pilastri naraw il-kwadri ovali ta' l-erba' evanġelisti. Jekk nagħtu ħarsa dawramejt, fiss insiru konxji li l-knisja għandha xeħta ottangonali għax il-koppla sabiħa tagħha hi mibnija fuq tmien ħitan. Nhar it-3 ta' Lulju 1966, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Emanuel Galea ikkonsagra l-artal ta' din il-Knisja. F'dan it-tempju niltaqgħu wkoll ma' kwadru tal-Bon Kunsill. Dan il-kwadru jgawdi devozzjoni qawwija mid-devoti, tant li tħalliet fondazzjoni biex ta' kull sena nhar is-26 t'April titqaddes quddiesa għall-glorja ta' dan it-titlu Marjan.

## SAGRISTIJA U GRAFFITI

It-titwila tagħna f'din il-knisja ċkejkna tkompli wkoll fis-sagristija. Hawn naraw kwadru kbir u sabiħ, mpitter minn Rafel Bonnici Calì li juri l-Madonna ta' l-Isperanza bit-tir li jiddendel fuq l-artal ewlieni. Iżda qatt ma wasal biex jieħu post l-opra ta' Rocca Buhagiar! Hawnhekk tinżamm l-istatwa ħelwa li tirrappreżenta lill-Madonna tat-Tama, biex matul il-jiem tal-festa titpoġġa f'post ċentrali ta' dan il-maqdes Marjan. Din l-istatwa hi xogħol l-iskultur Ġilormu Dingli li ħadem it-Tradiment ta' Ġuda u Kristu Rxoxt għar-Rotunda tal-Mosta. Fis-sagristija nsibu xi wegħdi mogħtija bħala tifkira u radd il-ħajr minn għadd ta' pellegrini u fost dawn naraw kwadru żgħir 'Ex Voto' li jġib id-data 1754. Din l-użanza ta' l-'Ex Voto' tkompli b'xi mod fuq il-ħajt ta' wara ta' din il-Knisja. Għax il-graffiti kienu mod ieħor ta' wegħda għal min ma setax iħallas xi pittura 'Ex Voto'. X'ktarx li meta l-faċċata tal-Knisja ta' l-Isperanza ġiet imnaddfa fuq il-ġebla xi ftit tas-snin ilu, dak li seta' kien hemm magħha għeb għal kollox. Imma, għax il-ħajt tan-naħa ta' wara ma tnaddafx, b'xorti tajba wieħed għadu jista' jara u japprezza xi graffiti li huma biċċa sħiħa mill-kultura u patrimonju tagħna fejn jispikka fihom l-att ta' fidi li kellhom missirijietna.

## ĊENTRU TAT-TAMA

Din il-knisja kienet sa minn dejjem iċ-ċentru tat-tama ta' bosta pellegrini li mħeġġa u magħqudin bħal aħwa, kienu ta' spiss jinvistaw dan il-post ta' devozzjoni. Fl-imgħoddi din il-knisja kienet wisq marbuta ma' qalb il-Mostin. Eżempju ta' dan huma l-visti pastorali ta' l-Isqfijiet li kull meta żaruha, dejjem sabuha fi stat tajjeb. Għall-grazzja t'Alla, issa li qbiżna ftit snin tat-Tielet Millenju tal-Kristjaneżmu, din il-ġawhra frott il-fidi u l-imħabba li kellhom ta' qabilna, għadha mħarsa sew minn ulied il-progress u l-informatika. Matul is-sena, numru ta' koppji jagħżlu li jagħmlu ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ f'din il-knisja. Bejn it-Tnejn u s-Sibt titqaddes quddiesa fis-7.30am waqt li nhar ta' Ħadd toħroġ quddiesa fit-8.30am. Fil-preżent ir-Rettur tagħha hu l-Arċipriet tal-Parroċċa, Dun Mario Tong. Ix-xahar ta' Mejju jġib miegħu attività sabiħa u sinifikanti għall-unur u ġieh il-Madonna. Il-Membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija fil-Mosta, magħrufin bhala tal-MUSEUM jiehdu ħsieb li fl-ewwel Ġimgħa ta' Mejju jorganizzaw pellegrinagg Marjan bl-istatwa tal-Madonna mill-Museum sal-knisja ta' l-Isperanza. Ħafna tfal u kbar jimxu tul il-pellegrinaġġ u flimkien jgħidu r-Ruzarju.



*L-istatwa ħelwa tal-Madonna ta' l-Isperanza armata fil-Knisja tagħha għall-okkażjoni tal-festa, xogħol l-iskultur Ġlormu Dingli.*

Meta jaslu fuq iz-zuntier tal-knisja, it-tfal jofffru x-xemgħa u l-fjuri lill-Verġni Marija u jsir messaġġ qasir biex jagħlaq din l-attività Marjana.

## TKEBBES

Din il-knisja, li darba waħda kienet solitarja, mibnija fuq l-għar tal-leġġendi fejn l-id tan-natura għoġobha tixħet ġmiel bla tarf, irnexxielha tkebbes kult kbir li jieħu forom diversi, imwaħħdin f'kullana twila ta' oġġetti u affarijiet li jirnexxielu jagħmel il-bniedem permezz tat-talenti li Alla għoġbu jisilfu. L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann ta' Malta fl-1975 kien ħareġ munita ta' 25c li fuqha jidher disinn tal-Knisja ta' l-Isperanza. Fil-5 ta' Lulju 1977, il-posta ta' Malta ħarġet bolla ta' 7c biex dan il-kult tal-Madonna tat-Tama fil-Mosta, tperrċu 'l barra minn xtutna. Ditta lokali ta' l-inbid immexxija mill-ko-operattiva tal-bdiewa, semmiet wieħed mill-inbejjed tagħha bl-isem ta' 'Speranza' filwaqt li fuq it-tikketti tal-flixken stampat hemm tpinġija li turi l-knisja u l-għar tal-leġġenda. Wieħed ma jistax jinsa il-kitba ta' Patri Guze' Delia magħrufa bħala 'Il-leġġenda tal-Mosta' u l-poeżija 'Il-Wied ta' l-Isperanza' tal-poeta Anton Buttigieg. Fis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor, id-Direttur tal-palk is-Sur Joe Quattromani kien iħobb itella' kważi ta' kull sena d-dramm 'Marija' fl-inħawi tal-wied biswit il-għar, waqt li n-nies kienet tinstab fuq il-pont issegwi l-ġrajja b'attenzjoni taħt sema kwiekeb tas-Sajf Malti. L-Għaqda Talent Mosti għamlet użu tassew kreattiv mill-ambjent li joffri dan il-post imsaħħar, l-aktar wara xi ħalba xita qawwija, biex tiffilmja xi xeni kemm tal-wied u kif ukoll fil-knisja nnfisha. Imbagħad dawn ix-xeni ġew imfilsati fil-vidjows ta' Wenzu u Rożi li din l-Għaqda pproduċiet fis-snin disgħin u li kellhom għan filantropiku.

Mill-banda l-oħra, iż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika tal-lokal mhux l-ewwel darba li organizzat laqgħat ta' talb b'differenza għall-membri tagħha fil-għar tal-leġġenda f'xi lejla Diċembrina, bix-xita traxxax. Fil-Mosta, fi Triq il-Pont niltaqgħu ma' riliev tal-ġebel f'għamla ta' niċċa ċkejkna li tirrapreżenta lill-Madonna ta' l-Isperanza, maħdum mill-iskultur Mosti Fabrizio Bartolo, magħruf bhala Bizzju.

## L-AMBJENT TAL-MADWAR

Ta' kull sena, fit-tielet Ħadd ta' Novembru tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna ta' l-Isperanza f'din il-knisja Mostija, fejn wieħed għandu jintebaħ li d-devozzjoni tal-poplu għadha tidher u tinħass kif imnissla minn missirijietna aktar minn mitejn sena ilu. Kull ma tbiddel xi ftit jew wisq, hu l-ambjent tal-madwar. Fis-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor inbnew fil-wied l-ilqugħ għall-ilma tax-xita. Għall-ħabta ta' l-1960 inbniet il-pumping station li tinsab qrib dil-knisja bil-konsegwenza li l-ilma ġieri m'għadux iserrep aktar f'Wied Speranza. Ix-xjuħ Mostin jirrakontaw kif jiftakru l-Għar ta' l-Isperanza ġieli mgħarraq fl-ilma u kif xi drabi, ġieli laħaq il-livell tal-pont ta' maġenbu. Huma jgħidulek li ħadd ma kien jissogra jaqsmu għax wisq probabbli kien jinġarr mill-kurrent. Il-folklorista Malti, il-Ġiżwita Patri Manwel Magri jingħad li fi tfulitu jiftakar l-ilma ġieri fix-xtut milwiema u jnixxu mill-blat sa l-aħħar ta' Ġunju! Għax meta, kien jgħaddi l-maltemp u joħroġ il-bnazzi, l-ilma kien jintlemaħ ġej ġieri mix-xaba' ta' l-art, ċar kristall u frisk li tħossu jiftaħlek sidrek bl-ossiġnu.




*Il-First Day Cover' tal-bolol Europa 1977, fejn waħda minnhom tispikka l-veduta ta' l-Isperanza, xogħol il-pittur George Fenech.*

## 25 TA' OTTUBRU 1979

Madanakollu din il-kartolina mill-imgħoddi kultant żmien terġa' tiehu l-ħajja mill-ġdid għal xi ftit jiem, l-aktar meta jaħkem il-maltemp u x-xita tkun niżlet bil-qliel. Fost il-maltempati ta' dawn l-aħħar 30 sena, tibqa' tissemma dik tal-25 ta' Ottubru 1979, ġurnata miftakra bħala waħda li fiha faqqgħet waħda mill-agħar maltempati fuq il-gżejjer tagħna. Dakinhar l-ilma reġa' deher f'Wied Speranza bħal dari u għal ġimgħat sħaħ ma baqax wied niexef qoxqox saħansitra fix-xitwa, kif ġeneralment ikun fi żminijietna. Biex inkunu għedna kollox, maltemp ta' dan it-tip mhux biss ħajja mill-ġdid iġib miegħu, iżda sfortunatament jikkawża xi ħsarat, kultant irreparabbli. F'din l-istess maltempata, l-ilmijiet kaxkru pont tal-ġebel li kien jinsab f'qiegħ Wied il-Għasel, qrib il-Kappella ta' San Pawl l-Eremita u li kien parti mit-Trunċieri Vittorja. L-iskop tagħhom kien biex iservu ta' barikata ħalli t-truppi jilqgħu xi invażjoni mill-għadu li seta' jinżel fix-xtut minn Baħar iċ-Ċagħaq sal-Għnejna. Forsi 'l quddiem, dan il-patrimonju li jinsab imġarraf f'qiegħ il-wied, isib min jaħseb fih u b'hekk jerġa' jikseb id-dehra maestuża li kellu darba.

## IR-ROKNA

U wara xi ħalba xita, l-aktar matul il-Ħadd u fil-btajjel pubbliċi, il-familji u gruppi ta' żgħażagħ jerħula sa Wied Speranza għall-wens u l-ġabra ta' l-għar u l-knisja ta' fuqu, fejn hemm jiskopru OASI ta' serħ mill-għejja tal-ġisem, mit-thewdin tal-moħħ u mill-bruda spiritwali. Hawn is-sensi u l-ispirtu jiġġeddu mill-ġdid bla ma forsi wieħed jintebaħ! U jekk dak inhar jinzertaw il-festa tal-patruna ta' din il-Knisja, allura jkollhom l-opportunità li jidħlu fil-għar tal-leġġenda, imżejjen bix-xemgħat u l-fjuri. U jekk jogħġobhom, jistgħu wkoll jesperjenzaw quddiesa sabiħa bil-kant u bil-priedka waqt li l-Mostin jtennulhom kif din il-knisja għandha post riservat fi qlubhom għax hi l-għeżeż u l-eqdes maqdes wara r-Rotunda. Għalkemm dawn in-nies, ulied Wenzu u Rożi tal-Millenju l-ġdid ma jistgħux jaraw aktar id-dehra ta' l-ilma ġieri u ma jiftakrux id-devoti li sas-snin ħamsin tas-seklu li għadda kienu jaslu mid-dawra ta' Malta kollha biex jitolbu bi ħrara lil Sidtna tat-Tama, xorta waħda jistgħu jaslu biex jifhmu s-seħer ta' l-inħawi u l-imħabba tal-Madonna f'din ir-rokna tad-dinja maqtugħa fil-ħemda, il-wens u l-ġabra.



*Dan l-għar, ilu għal sekli sħaħ meqjus bħala lok ta' qima Marjana u hu wisq marbut u maħbub fil-qlub tal-Mostin.*

## RESTAWR

B'sodisfazzjon ninnotaw li din il-ġawhra sarilha xogħol estensiv ta' restawr kemm min-naħa ta' ġewwa u kif ukoll fuq barra tal-koppla nnifisha, fejn saret ħidma fuq id-deffun li ġie rrestawrat bit-teknika oriġinali kif kien isir fl-imgħoddi. Saru tiswijiet meħtieġa minħabba l-ħsara li ġarrbet din il-knisja meta nifed l-ilma tax-xita. Fejn kien hemm il-ħtieġa, inbarxet il-ġebla u nżebgħet mill-ġdid bit-teknika ta' l-irħamar. Is-Sur Ronnie Calleja ħa ħsieb isewwi u jaħdem partijiet nieqsa li jiffurmaw fonti antik li qed isebbaħ il-Knisja ta' l-Isperanza. Dan ir-restawr twettaq bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Dun Mario Tong taħt is-superviżjoni tal-Perit Chris Grech li min-naħa tiegħu kkonsulta ruħu mal-periti tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura. Sa Awissu 2007, l-ispiża laħħqet Lm2000. Jonqos bosta xogħolijiet fil-faċċata waqt li jrid jinbena mill-ġdid it-taraġ li jagħti għall-għar tal-leġġenda li b'xorti ħażina sfronda wara inċident tat-traffiku. J'alla dan ir-restawr meħtieġ jitkompla fil-futur qarib għax din

il-knisja wisq għażiża tagħmel sehem importanti mill-patrimonju li ser inħallu lil ta' warajna.

## IL-MESSAĠĠ

Nagħlaq dan l-artiklu b'silta qasira min-novella li kien kiteb ħija Mario bl-isem ta' 'Taħbita ta' qalb żagħżugħa' xi snin ilu. Fiha joħroġ ċar il-messaġġ li għalkemm id-devoti m'għadhomx iżuru lil dan il-post qaddis bi ħġarhom, jekk tosserva ftit għandek imnejn tilmaħ xi individwi li l-fidi tagħhom twassalhom sa l-għar tal-leġġenda fejn hemm isibu l-faraġ li tant għandhom bżonn biex jgħinhom jerfgħu s-slaleb tal-ħajja.

'... u waslet ġmgħ'oħra li ġabet magħha partita uġiegħat ta' ras fuq ix-xogħol. Min jgħid vi u min jgħid va. U ma tistà tissodisfa 'l ħadd. U ngħid is-sewwa, ħadt ir-ruħ meta wasal 'weekend' ieħor biex nistrieħ u nserraħ. Il-Ġimgħa filgħaxija kienet lejla sabiħa u fewġa friska kont tħossha tiffriskalek ħaddejk. U la Alla ġabni Mosti, iddeċidejt li noħroġ nagħmel passejn u ġbidt mill-ewwwel lejn il-Wied ta' l-Isperanza.

X'ħin wasalt ħdejn il-kappella msawra b'tifkira ta' brimba li swiet ta' għodda qaddisa fl-idejn u l-moħħ Divin, waqaft u qgħadt fis-silenzju ngawdi l-ambjent ta' madwari. Mhux tas-soltu li nkun waħdi u fis-skiet. Din tal-lum kienet rari u ddeċidejt li ngawdi din il-lejla mill-aħjar li nista'. F'daqqa u l-ħin ilmaħt tfajla u ġuvni, qegħdin biswit l-għar li llum m'għadux imbarrat bl-għanqbuta iżda b'rixtellu tal-ħadid. Għall-ewwel għaddieli ħsieb ħażin għalfejn dawn kienu hemm fid-dlam, iżda malajr keċċejt id-dubji ħżiena meta smajthom jgħidu r-rużarju. Fis-skiet, fil-ġabra, fid-dlam. Waħedhom. Kienu hi u hu fuq it-taraġ...u Marija u Ġesu fis-smewwiet!'

## DEDIKA

Din kitbieti hi antiċipata bil-qalb u b'ferħ ta' sodisfazzjon lejn iċ-ċelebrazzjoni ta' l-400 Anniversarju minn meta l-Mosta saret Parroċċa {1608 – 2008}.

*Nota*

***Kien hemm min ħaseb, inkluż l-istudjuż Mosti E.B. Vella, li din il-kripta setgħet kienet l-għar li hemm taħt il-kappella ta' l-Isperanza. Illum, il-Prof. Stanley Fiorini hu tal-fehma li dan l-għar kien jinsab taħt il-Kappella 'Ta' Wejda' f'ġieh il-Viżitazzjoni tal-Beata Marija.***

***Riferenzi:***

Geoge Cassar u Joseph G.M. Borg, 'Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda matul iż-żminijiet.' (Malta, 2007)
J.G.M. Borg u J.A. Sant, 'It-Toroq tal-Mosta' (Malta, 1998)
Tony Terribile, 'Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin' (Malta 2000)
A. Bonnici, 'Il-Mosta Nisranija', G. Cassar (ed.) 'Ex Annalibus Mustae' (Malta, 2005)
J. Muscat, 'Graffiti fil-Mosta: il-ħitan tal-Kappella ta' San Pawl Nawfragu', G. Cassar (ED.) 'Ex Annalibus Mustae' (Malta, 2005)
G. Lanfranco, 'Mill-ħajja tal-Mosta fl-ewwel nofs tas-seklu 20', G. Cassar (ed.) 'Ex Annalibus Mustae' (Malta 2005)
G. Cassar, 'Kappelli fil-Mosta Kalendarju 2004', Skola Primarja Carmela Sammut, Mosta (Malta, 2004)
'Direttorju Parrokkjali – Mosta 2006' – Uffiċċju Parrokkjali Mosta.
'50 sena ta' Formazzjoni Nisranija mis-Soċjeta' tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. fil-Mosta' – Ktejjeb maħruġ mill-Museum tas-Subien (Malta 1995)
'Il-Knisja tal-Madonna ta' l-Isperanza' – Kitba ta' Tony Terribile. 'Programm tal-festa ta' Santa Marija 1994 – Soċjetà Filarmonika Nicolo' Isouard, Mosta.'
'Ta' l-Isperanza' – Kitba ta' Anthony Camilleri 'Programm tal-festa ta' Santa Marija 1994 – Soċjetà Filarmonika Nicolo' Isouard, Mosta.'
'Il-Mosta' – Settembru/Ottubru 1975 – A. Camilleri.
'Il-Mosta' – Settembru/Ottubru/Novembru 1980 –A. Camilleri.
'Il-Mosta' – Awwissu 2007 – Ħarġa Nmr 4 (vol. 11)
Nirringrazzja lis-Sur Raymond Grech għat-tagħrif li għaddieli.